MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 2361/2004

**Bay Street Holdings Limited (C 12058)**

**Vs**

**Paul Musu' ID 53660(M) f'ismu proprju kif ukoll bhala ezercitanti l-kummerc taht l-isem 'Tango' u b'digriet tat-**
**Tribunal tat-12 t'April, 2005 ghandhom jizdiedu l-kliem kif ukoll bhala rapprezentant tas-socjeta' Raumus Company Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mitejn u tletin lira Maltin (Lm230) rapprezentanti ammont dovut mill-konvenut bhala partecipazzjoni ghall- *Brides To Be Event* organizzat mis-socjeta' attrici fit-18 ta' Mejju, 2003

liema partecipazzjoni ghal dan l-avveniment intalbet mill-konvenut stess.
Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb preliminarjament li proprju et nomine m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici stante illi kwalunkwe negozjati illi saru in konnessjoni ma' l-avveniment de quo saru mill-eccipjenti fil-kwalita' tieghu ta' rapprezentant direttur tas-socjeta' Raumus Company Limited illi hija s-socjeta' li tiggestixxi esklussivament in-negozju gestit taht l-isem Tango u ghalhekk l-eccipjenti proprju et nomine ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici. Effettivament l-ammont mitlub m'huwiex dovut stante li wara ftehim milhuq bejn ir-rapprezentant tas-socjeta' Raumus Company Limited u certu Roy Steer Cheetham, wiehed mill-organizzaturi ta' l-avveniment in kwistjoni, kwalunkwe ammont pretiz mis-socjeta' attrici in linea ta' partecipazzjoni fl-avveniment in kwistjoni kellu jigi ridott sostanzjalment kif jista' jirrizulta ahjar mit-trattazzjoni tal-kawza.

Fl-ahhar lok u dejjem minghajr pregudizzju l-ammont mitlub m'huwiex dovut stante illi l-partecipazzjoni effettiva ta' l-eccipjenti fil-kwalita' tieghu fuq premessa fl-avveniment de quo jirrizulta li kienet sostanzjalment differenti minn dik negozjata, u mhux skond il-ftehim milhuq, u dan minhabba diversi nuqqasijiet da parti tas-socjeta' attrici fl-organizzazzjoni ta' l-avveniment, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ra d-digriet tat-12 t'April, 2005.

Ra l-verbal tas-seduta tal-25 t'April, 2005 fejn giet irtirata l-ewwel eccezzjoni.

Sema' x-xhieda ta' Mario Spiteri, Martin Sapiano, Paul Musu' u ta' Marie Louise Bugeja.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Sarah Spiteri Gonzi ghas-socjeta' attrici u ta' Dr Rachel Loporto Montebello ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi s-socjeta' attrici organizzat *a one day fashion show* maghruf bl-isem *Brides To Be* fil-kumpless ta' Bay Street f'San Giljan fit-18 ta' Mejju, 2003. Ghal dan l-avveniment kien hemm diversi partecipanti, fosthom il-konvenut. Il-bniedem li ghaqqad ix-*show* kien Roy Steer Cheetham u fil-fatt il-ftehim li gie milhuq bejn il-konvenut u s-socjeta' attrici kien sar esklussivament tramite l-konvenut Paul Musu' personalment u Roy Steer Cheetham. Roy Steer Cheetham ma xehedx f'din il-kawza u ghalhekk ghal dak li jirrigwarda x'kien il-ftehim milhuq bejn il-partijiet, it-Tribunal jista' biss joqghod fuq dak li xehed il-konvenut. Giet esebita skrittura li l-atturi jikkontendu li tirrapprezenta l-ftehim milhuq bejn il-partijiet izda t-Tribunal jinnota li din l-iskrittura giet esebita fl-ahhar stadju tal-kawza u l-konvenut cahad li huwa qatt ra dan id-dokument qabel dakinhar u cahad li l-firma fil-kaxxa fejn suppost iffirma hija l-firma tieghu.

It-Tribunal ikkompara l-firma fuq dan id-dokument mal-firma fuq il-*pink card* esebita fl-atti u jidher evidenti li dawn iz-zewg firem ma jikkombacjawx ma' xulxin.

Illi inoltre, meta xehed Mario Spiteri, ghalkemm ghall-bidu xehed li ma kienx cert li kien hemm kuntratt iffirmat, fil-kontro-ezami qal illi kien hemm kuntratt ghax kien rah recentement. Huwa xehed fil-25 t'April, 2005 u dan id-dokument gie esebit biss fis-seduta tad-9 ta' Jannar, 2006.

Stante illi kien car li l-konvenut qed jichad li huwa ffirma dan id-dokument, kien jispetta lis-socjeta' attrici li ggib almenu lil Roy Steer Cheetham biex jaghti l-verzjoni tieghu dwar x'kien il-ftehim.

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi, t-Tribunal m'ghandux alternattiva hlief li jikkonkludi illi l-ftehim milhuq bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut kien wiehed verbali u li d-dokument BS1 li gie esebit fid-9 ta' Jannar, 2006 ma jirrapprezentax il-ftehim milhuq bejn il-partijiet.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi fil-fatt il-ftehim sar bejn is-socjeta' attrici u Raumus Company Limited li hija l-kumpanija li tiggestixxi l-hanut bl-isem Tango u li Paul Musu' huwa d-direttur taghha. Il-konvenut jghid illi Roy Steer Cheetham kien talbu hlas ta' mitejn lira Maltin (Lm200) plus VAT li jgibu total ta' mitejn u tletin lira Maltin (Lm230) izda l-konvenut m'accettax li jippartecipa b'dan l-ammont u eventwalment ftiehmu illi ma jkunx hemm Pagoda *on display* waqt ix-*shows* li kellu jaghmel il-konvenut u li l-*participation fee* tkun ta' mitt lira Maltin (Lm100) plus VAT.

Il-konvenut jghid ukoll illi huwa kellu jkollu bejn tnejn u tlett *shows* waqt dan l-avveniment pero' mbaghad aktar tard xehed illi kellu jkollu tlett *shows*, jigifieri wiehed filghodu, wiehed wara nofsinhar u iehor filghaxija, izda effettivament dakinhar kellu *show* wiehed komplut u iehor li ma kienx komplut. Il-konvenut isostni illi ma kienx kuntent bil-mod kif imxiet din il-fiera u dan billi meta mar fuq il-post, minflok tnax-il mudella li kien miftiehem li ser ikollu kien infurmat li kien ser ikollu hdax u inoltre, meta gie biex jaghmel it-tieni *presentation* tieghu, kellu biss sitt mudelli u ghalhekk lanqas seta' jaghmel il-*fashion show* kif xtaq hu izda kellu jaqsmu fis-sens illi johorgu s-sitt mudelli f'salt, jergghu jidhlu, jergghu jbiddlu lkoll flimkien u jergghu johorgu t-tieni darba minflok ma jkollu l-mudelli hiergin wahda wara l-ohra u b'hekk il-*flow* ta' l-esebizzjoni. Raguni ohra ghaliex il-konvenut ma kienx sodisfatt kienet il-ghaliex it-tieni *show* tieghu, minflok ma sar fl-erbgha ta' wara nofsinhar meta kien hemm in-nies, sar tard filghaxija meta l-pubbliku kien nieqes hafna.

Wara l-avveniment, il-konvenut ma sema' xejn izda wara ftit beda jircievi l-invoices u meta cempel informa lis-socjeta' attrici illi huwa kien ilmenta ma' Roy Steer Cheetham u talabhom biex huma jkellmu lill-istess Roy

Steer Cheetham qabel ma jkomplu jaghmlu talbiet kontra tieghu.

Roy Steer Cheetham baqa' ma xehedx.

In vista tal-premess, it-Tribunal ihoss illi l-konvenut li ppartecipa f'dan l-avveniment huwa obbligat li jhallas l-ammont pattwit li mill-atti jirrizulta li kien ta' mitt lira Maltin (Lm100) plus VAT. Izda jkun xieraq u opportun li jittiehed kont ta' l-ilmenti tieghu. Huwa kellu lment illi dak li gie mwieghed lilu ma giex kollu pprovdut fis-sens illi ma nghatax in-numru ta' mudelli li kien ftiehem fuqhom u inoltre, l-hin tad-*display* tieghu ma kienx skond kif pattwit bir-rizultat illi t-tieni *show* tieghu sar tard hafna filghaxija minghajr ma kien hemm il-pubbliku u f'dan it-tieni *display* ma kellux il-mudelli kollha pattwiti. Kien jispetta lis-socjeta' attrici li tipprovdi l-mudelli u li tiehu hsieb l-andament tax-*show*.

Ghalhekk, minhabba c-cirkostanzi fuq imsemmija ghandu jkun hemm temperament fuq l-ammont pattwit liema ammont ghandu jitnaqqas bl-ammont ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) u konsegwentement il-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75) plus VAT, cjoe' total ta' sitta u tmenin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm86.25c).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitta u tmenin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm86.25c). In vista tal-premess, l-ispejjez bejn il-partijiet jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------